Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 592/2012

Il-Pulizija

(Spettur Anthony Agius)

vs

Maria Filippa Bondin

Illum, 23 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-appellanti Maria Filippa Bondin, detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 582651M akkuzat talli:

Fuq talba tal-Kummissarju tat-taxxi interni talli bhala direttur tal-kumpanija Clouds Catering Limited (C10006) ghas-snin 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksur l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda naqset illi tibghat il-formoli tat-taxxa skodn id-dizpozizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settelment System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi9 artikolu 23 naqset milli thares id-dispozizzjoni ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati mghotija fis-7 ta' Dicembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 15, 20, 21(1) u 22(1) tal-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u ikkundannata multa ta' erba' mitt euro (€400) u multa addizzjonali ta' erba' Euro ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-imputata ai fini tal-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin terga' tinstab hatija ta xi reat taht xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenz, b'zieda ma kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija; u jekk misjuba htaja tat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f'xi legislazzjoni ohra, tinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b'zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Fliet l-atti processwali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Maria Filippa Bondin pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Dicembru, 2012 fejn talbet lil din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u tiddikjaraha mhux hatja u tilliberaha minn kull piena u alternattivament u sussidjarjament f'kaz ta' konferma tas-sejbien ta' htija, li tvarjaha u timmodifika s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta ghal-piena ohra skond il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellanti Maria Filippa Bondin:

A. Il-linja difensjonali tal-impossibilita'

Illi l-ewwel onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi, b'dana illi dik il-Qorti ddikjarat illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kienet diga michuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' sentenza li hija finalu u ezekuttiva u konsegwentement ma tistax terga' tigi trattata.

Bl-akbar dovut rispett dan ma huwiex il-kaz.

Is-sentenza riferita ossia dik fl-ismijiet il-Pulizija v Maria Filippa Bondin deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (per Imhallef M. Mallia) nhar id-9 ta' Dicembru, 2011. F'dik is-sentenza il-Qorti Kriminali stabbiliet liema linja difensjonali tista' persuna f' cirkostanzi smili tqajjem.

Din il-Qorti sahqet:

> *"Jekk minn naha 'l ohra direttur jimrad b'tali mod illi jkun fl-inkapacita illi jottempra ruhu mal-ligi jew inkella kontra l-volonta tieghu jitnehha minn direttur qabel ma jkun jista' jaqdi l-obbligazzjonijiet tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni allura hawn hekk hija kwistjoni ohra u l-appellat ikun jista' jqajjem b'success id-difiza ta' mpossibilita. Pero' din il-prova jrid igibha l-appellat jew id-direttur koncernat illi juri lill-Qorti almenu sal-grad ta' probabbilita illi huwa kien fl-impossibilita' illi hu jaqdi d-doveri tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Fin-nuqqas ta' din il-prova l-appellat jew direttur jibqa' responsabli ghal zmien indefinit stante illi r-reati kontemplati taht il-Kap. 372 huma reati permanenti."*

Fil-kaz odjern ix-xhud in difesa Francis Chetcuti, gudikat hati tan-nuqqasijiet, spjega kif meta huwa xtara l-ishma tal-esponenti u ta' zewgha, huwa nsista li ma riedx aktar lilha bhala direttrici tas-socjeta de quo.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-insenjament ta' din l-Onorabbli Qorti, l-linja difensjonali tal-impossibilita' tregi u kellha tintlaqa.

B. Il-Piena

Dan l-aggravju qieghed jingab mingharj pregudizzju ghall-aggravju precedenti.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti imponiet fuq l-esponenti multa ta' erba mitt Euro. Illi a tenur tal-Artikolu 49(1) tal-Kap 372 il-piena li tista' tigi mposta f'kaz ta' sejbien ta' htija hija ta' bejn minimum ta' tlieta u ghoxrin Euro u massimu ta' mija u sittax il-Euro. Jemergu ghalhekk bic-car li l-esponenti giet moghtija piena ghola mill-massimu ta' dak previst mill-ligi.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, l-espoennti temmen, li tenut ukoll tal-fatt li hija a first time offender, kif ukoll li hija qatt ma kellha l-ebda diffikulta f'xoghol ma' ebda dipartiment governattiv, sia VAT, sia CIR, l-esponenti temmen li l-piena ta' multa hija wahda li tenut kont tac-cirkostanzi kienet ferm oneruza, per punto di principio.

Ikkunsidrat;

Illi l-ilment ewlieni imressaq mill-appellanti huwa marbuta mal-impossibilita li hija kellha sabiex tottempera ruhha mal-obbligi fiskali assunti minnha bhala direttur tas-socjeta, illum defunta, Clouds Catering Company Limited u dan ghas-snin indikati fl-akkuza bejn l-1998 u 2005. Dan ghaliex hija tikkontendi illi kienet irrizenjat minn direttur fit-13 ta Awwissu 1999 u wara dan iz-zmien ma kellha xejn x'taqsam iktar mat-tmexxija tal-kumpanija. Oltre dan fiz-zmien li hija kienet direttur ma kenitx tiehu sehem attiv fil-gestjoni tan-negozju li kien jithalla f'idejn id-diretturi l-ohra fosthom certu Francis Chetcuti.

Issa minn ezami ta'l-atti jidher illi dina l-linja difensjonali dwar l-impossibbilita diga giet ventilata quddiem din il-Qorti kif diversament ippresejduta u anke ghaddiet in gudikat permezz tad-decizjoni moghtija fid-09 ta' Dicembru 2011, liema sentenza irrevokat id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti tal-25 ta' Frar 2011 dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni. Illi gie deciz:

*"F'din il-kawza skond l-istess sentenza (b'referenza ghas-sentenza ta'l-Ewwel Qorti ta' Frar 2011) l-appellata (b'referenza ghall-appellanti odjerna) irrizenjat minn kariga ta' direttur tas-socjeta fit-13 ta' Awwissu 1999. Minn dicitura ta' din is-sentenza din il-Qorti tifhem illi din ir-rizenja kienet wahda volontarja u l-istat anti guridiku dahal fih volontarjament u quindi ma jistax f'dan l-istadju jecepixxi d-difiza ta'l-impossibbilita u r-responsabbilita tieghu versu l-kummisarju tat-Taxxi Interni tibqa vigenti."*

Dan ifisser allura illi id-difiza tal-impossibbilita ma tistax tregi meta r-rizenja tkun wahda volontarja u dak id-direttur, jonqos milli jara illi jottempera ruhu mal-obbligi fiskali tal-kumpanija qabel ma idahhal ir-rizenja tieghu. Ma jistax allura dak id-direttur jargumenta wara li jkun irrizenja u allura ma ikollux aktar access ghal kotba tal-kumpanija illi ghandu l-impossibbilita li jottempera ruhu ma' dawk l-obbligi fiskali. L-obbligu tad-direttur fil-mument tar-rizenja tieghu huwa li jivverifika dan il-fatt qabel jitlaq minn din il-kariga u in-nuqqas tieghu milli jaghmel dan jesponieh ghal prosekuzzjoni penali.

Illi gie ritenut illi persuna li taqdi jew li kienet taqdi l-funzjoni ta' direttur ta' kumpanija, tibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni għal dawk is-snin kollha li tkun naqset li tibgħat ir-*returns* u l-ħlasijiet dovuti, irrispettivament jekk tkunx għadha direttur jew le[1]. Dan ghaliex il-proviso ta'l-artikolu 23(13) jiddisponi car u tond illi:

***"Iżda wkoll ir-reat taħt dan l-artikolu jibqa' jeżisti sakemm min jagħmel ir-reat ikun ikkonforma ma' u ħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih."***

*"Il-proviso ta' l-Artikolu 23(13), jipprovdi li r-reat jibqa' jeżisti "sakemm min jagħmel ir-reat...". Dawn il-kliem ifissru illi r-responsabilita' tad-direttur jew min għandu fuqu r-responsabilita' illi jottempra ruħu mal-provvidimenti tal-Kap 372 jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara illi jkun spiċċa minn direttur . Peress illi l-kliem "min jagħmel ir-reat" ma fiha l-ebda definizzjoni partikulari ta' kariga*

[1] Il-Pulizija vs. Brian John Farrugia, App.Inf. 9 ta' Diċembru 2011

*rrispettivament jekk dak li jkun jkunx għadu direttur jew le. Jekk ma jkunx għadu direttur allura jkollu l-obbligu illi jipprova illi hu kien fl-impossibilita' illi jottempera ruhu mal-liġi minħabba raġuni jew oħra. Jekk direttur jirriżenja fi żmien partikolari volontarjament, allura volontarjament ikun għalaq il-bieb sabiex jottempra ruhu mal-liġi ... u l-proviso ta' l-Artikolu 23(13) tal-Kap. 372 jibqa' jissussisti fil-konfront tiegħu[2] ".*

Issa fi-xenajru ipprezentat quddiem din il-Qorti f'dan il-kaz huwa indubitat u mhux ikkontestat illi l-appellanti irrizenjat minn direttur tas-socjeta Clouds Catering Limited fit-13 ta' Awwissu 1999 u dan b'mod volontarju. L-akkuza tirreferi ghas-snin 1998 sal-2005. Huwa evidenti allura illi l-appellanti ma tista' tkun hatja ghall-ebda nuqqas ghas-snin 2000 sa 2005 u lanqas ghas-sena 1999 billi d-diretturi li assumew ir-responsabbilta tal-kumpanija f'nofs is-sena 1999 assummew ukoll ir-responsabbilita illi idahhlu id-denunzji tat-taxxa ghal dik is-sena kollha billi l-ebda denunzja ma issir ghal nofs sena izda id-dmir li tiddahhal dik id-denunzja tinbet hekk kif tispicca s-sena u mhux qabel. Kwindi l-appellanti ghandha twiegeb biss ghan-nuqqas taghha ghas-sena 1998, f'liema perijodu taz-zmien hija kienet direttrici ma' ohrajn tal-kumpanija.

Dan ghaliex l-appellanti ma tistax tinqeda bl-iskuza illi hija ma kenitx tiehu sehem attiv fil-gestjoni tal-kumpanija jew inkella illi dan in-nuqqas kien imputabbli lill-*accountant* inkarigat mill-kumpanija sabiex jiehu hsieb li jigu ipprezentati id-denunzji u li issir il-hlas tat-taxxa u bolol relattiv ghal sena partikolari. Id-dmir jibqa' fuq l-ispalla tad-direttur li ghandu jara illi l-impjegati tal-kumpanija qed jezegwixxu id-doveri taghhom u mhux dawn jinghataw *carte Blanche* biex jaghmlu li jridu u imbaghad jaddossa r-responsabbilta fuq spallejhom.

Lanqas ma saret ebda prova mill-appellanti li hija ezercitat d-diligenza kollha mehtiega biex tevita l-eghmil tar-reat. Anzi jirrizulta illi ghalkemm hija inhatret bhala direttur tal-kumpanija madanakollu jidher illi qatt ma hadet l-icken interess fit-tmexxija ta'l-istess, anzi kienet thalli kompletament f'idejn haddiehor, tant illi

---

[2] Ibid.

Francis Chetcuti jiddeskrivieha bhala "sleeping partner". "*Dan hu kaz ta' non osservanza ta' ligi fiskali fejn mhux accettabbli certu kavillar zejjed bl-iskop li jigu evitati l-obbligi imposti mill-legislatur biex jaccerta ruhu li tingabar it-taxxa dovuta f' kull zmien u f' kull kaz.*[3]"

Illi l-Qorti ma tistax taqbel mal-argument tad-difiza illi l-appellanti ma tistax tinstab hatja ta' parti mill-akkuza meta targumenta illi l-akkuza hija wahda u tirreferi ghas-snin 1998 sal-2005, u dan meta jirrizulta ippruvat illi n-nuqqas taghha kien jirreferi biss ghas-sena 1998. Dan ghaliex dan ir-reat huwa wiehed istantanju li jiskatta hekk kif ikun hemm il-vjolazzjoni tal-ligi bin-nuqqas ta' ottemperanza ma'l-obbligu fiskali tad-direttur ghal kull sena ta' nuqqas. Dan jista' ifisser biss illi ghalkemm hemm reita ghal sena partikolari, madanakollu l-appellanti ghandha tigi illiberata ghas-snin sussegwenti billi hija ma kellhiex ir-responsabbilta skont il-ligi ghal dawk is-snin. Dan il-fattur ovvjament irid jittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena.

Illi ghalhekk ghalkemm huwa indubitat, kif inghad, illi l-appellanti naqqset milli tottempera ruhha mal-ligi u dan limitatament ghas-sena 1998, madanakollu jidher illi id-denunzji illum gew sottomessi u jifdal biex isir il-hlas relattiv ghal dik is-sena mill-kumpanija[4], u ghalkemm huwa minnu illi mill-mument tar-rizenja taghha l-appellanti ma baqaliex kontroll fuq il-finanzi tal-kumpanija, madanakollu kif inghad l-obbligu li isir dak il-hlas jinkombi fuqha bhala direttur ta' dik il-kumpanija. Argument bil-kontra ikun wiehed perikoluz ghaliex allura facilment direttur jista jahrab mill-obbligi fiskali tieghu fi hdan il-kumpanija ghal hlas tal-erarju pubbliku billi volontarjament jirrizenja u jakkampa favur tieghu d-difiza dwar l-impossibilita'.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' l-appell in parte billi tikkonferma is-sejbien ta' htija ghall-akkuza dedotta kontra l-appellanti limitatament ghas-sena 1998 u

---

[3] Il-Pulizija vs Michael Stivala – App.Inf. 22/04/2008
[4] Ara xhieda ta' Jesmar Delmar in rappresentanza tal-KTI. Fol.96A et seq.

tillibera mill-htija ghal bqija tas-snin indikati fl-akkuza, u tvarja il-piena inflitta billi tikundannaha multa ta' €150, bil-multa gjornaliera ta' €4 sal-gurnata li hija tikkonforma ruhha mal-ligi tibda tiddekorri mil-lum.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur